



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11136/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0117(NLE)

PECHE 239
N 54
UK 94

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u r-Regolament (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 dawn l-opportunitajiet tas-sajd

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta'...

li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u r-Regolament (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 dawn l-opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257¹ jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti miżuri funzjonalment marbuta magħhom, jenħtieġ li jiġu emendati biex tiġi kkunsidrata l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku, kif ukoll l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u l-laqgħat tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs).
- (2) Ir-Regolament (UE) 2024/257 stabbilixxa b'mod proviżorju għal żero l-qabdiet totali permissibbli (TAC) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-inċova fid-diviżjoni 9a tal-ICES għal dak il-perjodu. Sabiex is-sajd ikun jista' jkompli sakemm tiġi stabbilita t-TAC għal dak l-istokk għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC proviżorja fil-livell ta' 4 997 tunnellata għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Settembru 2024. Dak il-livell jikkorrispondi għall-qabdiet tal-Istati Membri ta' dak l-istokk fit-tielet trimestru tal-2023.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj>).

- (3) Fit-28 ta' Marzu 2024, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ippubblika l-opinjoni tiegħu dwar l-impatt soċjoekonomiku fir-rigward tal-istabbiliment tat-TAC għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*) fid-diviżjonijiet 8a, 8b, 8d u 8e tal-ICES għall-2024 fil-livell rakkomandat mill-ICES u li tindika l-livell ta' dik it-TAC meħtieġ biex jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwota limitanti"². Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita t-TAC definittiva għall-2024, li tissositwixxi t-TAC proviżorja stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/257 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2024. Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, jenħtieġ li dik it-TAC tiġi stabbilita flivell ta' 959 tunnellata, li, skont dik l-opinjoni tal-STECF, ser jippermetti lill-flotot ikomplu joperaw sar-raba' trimestru tas-sena u għalhekk inaqqsu: (i) il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwoti limitanti" u l-għeluq qabel il-waqt tas-sajd rilevanti; u (ii) l-impatti soċjoekonomiċi assoċjati fuq is-settur tas-sajd.

² "Speċi bi kwota limitanti" hija speċi b'nuqqas ta' kwota li tista' twassal biex bastiment tas-sajd wieħed jew aktar jieqfu mis-sajd anke jekk ikun għad fadlilhom kwota għal speċijiet oħra.

³ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

- (4) Fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2024, l-Unjoni u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd ġenerali għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025; kif ukoll (ii) il-livell tat-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord Maqbul iffirmat fil-19 ta' Ġunju 2024. Għalhekk, jenħtieġ li t-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES tiġi stabbilita fil-livell miftiehem man-Norveġja. Barra minn hekk, l-Unjoni u n-Norveġja qiesu t-trasferimenti tal-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet Norveġiżi tal-Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta' 62°N min-Norveġja lejn l-Unjoni, flimkien mal-livell stabbilit fit-Tabella 2 tar-Rekord Maqbul tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn l-Unjoni u n-Norveġja għall-2024, iffirmat fit-8 ta' Diċembru 2023. Il-kwoti tal-Istati Membri għall-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet ta' Greenland tas-subżoni 5 u 14 tal-ICES jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

- (5) Bejn it-23 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju 2024, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd ġenerali għal-laċċa kaħla (Sprattus sprattus) fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tas-subżona 4 u d-diviżjoni 2a tal-ICES, u fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025; u (ii) il-livelli tat-TACs għal-laċċa kaħla f'dawk iż-żoni. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord Maqbul iffirmat fil-11 ta' Ġunju 2024. It-TACs għal-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025: (i) fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk tar-Renju Unit tas-subżona 4 u d-diviżjoni 2a tal-ICES; u (ii) fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES, jenħtieġ għalhekk li jiġu stabbiliti fil-livelli miftiehma mar-Renju Unit u man-Norveġja.
- (6) Bejn l-14 u l-24 ta' Mejju 2024, l-Unjoni u r-Renju Unit kellhom konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra⁴, (il-“Ftehim”) dwar il-livell tat-TAC għal-laċċa kaħla fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord bil-Miktub iffirmat fit-30 ta' Mejju 2024. Għalhekk, jenħtieġ li t-TAC għal-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għal dak il-perjodu tiġi stabbilita fil-livell miftiehem mar-Renju Unit.

⁴ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

- (7) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu, fil-paragrafu (m) tar-Reġistru bil-Miktub bejn l-UE u r-Renju Unit tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea għall-2024, li jippreżentaw talba konġunta lill-ICES biex jippubblika parir rivedut ibbażat fuq l-eżitu tal-punt ta' riferiment u biex jemendaw it-TAC għal-lingwata komuni (*Solea solea*) fil-Baħar Irlandiż (SOL/07A.) f'konformità ma' dak il-parir rivedut. Fit-13 ta' Ġunju 2024 l-Unjoni u r-Renju Unit kellhom konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 498(5) tal-Ftehim bl-għan li jintlaħaq qbil dwar TAC emendata għal-lingwata komuni (*Solea solea*) fid-diviżjoni 7a tal-ICES għall-2024. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord bil-Miktub iffirmit fis-17 ta' Ġunju 2024. Għalhekk huwa xieraq li jiġi emendat il-livell ta' dik it-TAC u li dan jiġi stabbilit fil-livell miftiehem mar-Renju Unit.
- (8) Sabiex is-sajd ikun jista' jibda fl-1 ta' Lulju 2024, il-kwota tal-Unjoni għar-redfish (*Sebastes spp.*) fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES jenħtieġ li tiġi stabbilita għall-2024. Dik il-kwota tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi stabbilita fil-livell ta' 6 000 tonnellata, jiġifieri fl-istess livell bħal dak għall-2023, sakemm ikun hemm parir xjentifiku disponibbli u bl-għan li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni għall-istokk fl-ilmijiet internazzjonali jinżammu f'livell storiku.

- (9) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2024, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC) emendat il-miżuri għall-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC u, għall-ewwel darba, stabbiliet limiti ta' qbid għal dak l-istokk disponibbli għall-Partijiet Kontraenti kollha tal-NPFC, inkluż l-Unjoni, għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża rispettivament, għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025. Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet ammont addizzjonali ta' dak l-istokk għall-Unjoni għal dak l-istess perjodu. Hija stabbiliet ukoll limiti tal-isforz assoċjati. Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet miżuri funzjonalment marbuta ma' dawk il-limiti ta' qbid u ma' dak l-ammont addizzjonali, li mingħajrhom: (i) dawk il-limiti ta' qbid għall-Partijiet Kontraenti kollha tal-NPFC ma setgħux jiġu stabbiliti; u (ii) l-opportunitajiet tas-sajd għall-kavall għajnejh kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC ikollhom jitnaqqsu biex jiġu protetti l-ispeċijiet mhux fil-mira. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri funzjonalment marbuta jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. Fir-rigward tal-limiti ta' qbid u l-ammont addizzjonali għall-Unjoni, peress li fil-passat l-Istati Membri ma stadux għal dak l-istokk, dawk l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokat li fil-livell tal-Unjoni.

- (10) Ir-Regolament (UE) 2024/897 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, fost oħrajn, jemenda l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ billi jdaħħal dispożizzjoni ġdida li tipprojbixxi lill-bastimenti tal-Unjoni milli jagħmlu ħsara lill-pixxitondu li jinqabad fl-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5°N, u jirrikjedi li l-bastimenti tal-Unjoni jirrilaxxaw minnufih dan il-pixxitondu fil-baħar, filwaqt li tagħti kunsiderazzjoni xierqa lis-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ. Sabiex jiġu evitati dispożizzjonijiet simili dwar l-istess suġġett, huwa xieraq li jiħassar l-Artikolu 27(6) tar-Regolament (UE) 2024/257.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/897 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u r-Regolament (UE) 2023/2053 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L, 2024/897, 19.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/897/oj?locale=mt>).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

- (11) L-Artikoli 32 u 34 sa 36 tar-Regolament (UE) 2017/2107 diġà jipprojbixxu lill-bastimenti tal-Unjoni milli jżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' pixxivolpi għajnhom kbira (*Alopias superciliosus*), klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*), kurazzi tal-familja Sphyrnidae u klieb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*), li jinqabdu b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, u jirrikjedu rilaxx minnufih ta' eżemplari li ma tkunx saritilhom ħsara lura fil-baħar. Sabiex jiġu evitati dispożizzjonijiet simili dwar l-istess suġġett, huwa xieraq li jiħassar l-Artikolu 27(1) u (3) sa (5) tar-Regolament (UE) 2024/257.
- (12) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, ċerti Stati Membri ppreżentaw lill-Kummissjoni pjanijiet annwali riveduti dwar is-sajd u dwar il-ġestjoni tal-kapaċità b'talbiet biex jittrasferixxu 5 % tal-kwota annwali tagħhom tat-tonna (*Thunnus thynnus*) fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u fil-Mediterran mill-2023 sal-2024. Abbażi ta' dawk il-pjanijiet, fit-23 ta' Mejju 2024 il-Kummissjoni ppreżentat lis-Segretarjat tal-ICCAT pjan annwali rivedut tal-Unjoni għall-2024 għall-approvazzjoni mill-ICCAT. Fl-24 ta' Mejju 2024, l-ICCAT approvat dak il-pjan. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-pjan annwali rivedut tal-Unjoni approvat mill-ICCAT, jenħtieġ li t-TAC għat-tonna fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u fil-Mediterran għall-2024 tiġi emendata skont dan.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1).

- (13) Skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) 2023/2053, ċerti Stati Membri ppreżentaw lill-Kummissjoni pjanijiet riveduti ta' ġestjoni tat-trobbija tal-ħut għat-tonna fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT. Abbażi ta' dawk il-pjanijiet riveduti, fit-23 ta' Mejju 2024 il-Kummissjoni ppreżentat lis-Segretarjat tal-ICCAT pjan annwali rivedut tal-Unjoni għall-2024 għall-approvazzjoni mill-ICCAT. Fl-24 ta' Mejju 2024, l-ICCAT approvat dak il-pjan. Għalhekk, jenħtieġ li l-input u l-kapaċità massimi tat-trobbija tal-Unjoni jiġu emendati f'konformità ma' dak il-pjan. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jħejju u jippreżentaw il-pjanijiet ta' ġestjoni tat-trobbija tagħhom għas-snin li ġejjin skont l-Artikolu 15(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2023/2053.
- (14) L-Artikolu 20(1) u ċerti tabelli tat-TAC fl-Annessi IA, il-Parti B, u IK tar-Regolament (UE) 2024/257, u l-Artikolu 18(1) u l-Anness IA, il-Parti D, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194⁸ fihom ċerti żbalji fir-rigward tal-livelli tal-opportunitajiet tas-sajd, l-ispeċijiet, iż-żoni ta' applikazzjoni u l-kodiċijiet ta' rappurtar. Għaldaqstant, huwa xieraq li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu kkoreġuti skont il-każ.
- (15) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2023/194 u (UE) 2024/257 jiġu emendati skont il-każ.

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

- (16) Ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jemendaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/257 dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-pixxisinna (*Dissostichus spp.*) fiż-żona tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2023, f'konformità mal-perjodu ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet emendati. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jemendaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) 2023/194 u (UE) 2024/257 dwar: (i) il-pollakkju fid-diviżjonijiet 8a, 8b, 8d u 8e tal-ICES; (ii) it-tonna fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u fil-Mediterran; u (iii) dispożizzjonijiet oħra soġġetti għal korrezzjonijiet ta' żbalji, jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024, f'konformità mal-perjodu ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji ta' ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-livell jew iż-żona ta' applikazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd jew tal-limiti tat-trobbija tal-ħut jiżdiedu.
- (17) Minħabba l-urġenza biex jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (UE) 2024/257

Ir-Regolament (UE) 2024/257 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(d) opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025 fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC).”;

(2) fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ra) "Iż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC " tfisser iż-żona ġeografika ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku*.”

* ĠU L 55, 28.2.2022, p. 14. L-Unjoni aderixxiet mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/314 tal-15 ta' Frar 2022 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 55, 28.2.2022, p. 12);”;

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 12a

Miżuri dwar il-pollakkju fid-diviżjonijiet 8a, 8b, 8d u 8e tal-ICES

Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 42 cm għandu japplika għall-qabdiet tal-pollakkju fid-diviżjonijiet tal-ICES 8a, 8b, 8d u 8e.”;

(4) fl-Artikolu 20(1), jitħassru l-punti (c) sa (f);

(5) L-Artikolu 27 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“*Artikolu 27*

Klieb il-baħar

Minbarra l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 sa 36 tar-Regolament 2017/2107, għandu jkun ipprojbit ukoll l-involviment f'sajd dirett għall-ispeċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.”;

(6) tiddaħħal it-Taqsima li ġejja:

“TAQSIMA 11A

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-NPFC

Artikolu 48a

Sajd għall-kavall għajnejh kbar

1. Għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC, l-Istati Membri tal-bandiera għandhom jibagħtu d-data aggregata li ġejja lill-Kummissjoni sad-dati li ġejjin:
 - (a) il-qabdiet ta' kull xahar taħt il-limiti ta' qbid għall-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) għall-Partijiet Kontraenti kollha tal-NPFC għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża rispettivament, kif stabbilit fl-Anness IM, meta l-użu ta' dawk il-limiti ta' qbid ikun inqas minn 60 %, sas-sebġha jum tax-xahar ta' wara; u
 - (b) il-qabdiet ta' kull ġimgħa tal-kavall għajnejh kbar taħt dawk il-limiti ta' qbid meta l-użu ta' dawk il-limiti ta' qbid ikun oġhla minn 60 % u inqas minn 95 %, sa nhar it-Tlieta tal-ġimgħa ta' wara.

Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tibgħat minnufih dik l-informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC.

2. Fi żmien jumejn mid-data tal-ħruġ tan-notifiki tas-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC li l-użu ta' dawk il-limiti ta' qbid ikun laħaq il-95 %, il-Kummissjoni għandha tagħlaq is-sajd taħt dawk il-limiti ta' qbid.
3. Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tibgħat l-qabdiet annwali tal-kavall għajnejh kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC lis-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC sal-aħħar ta' Frar tas-sena ta' wara.
4. Dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mal-obbligi ta' rappurtar dwar l-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009*.

Artikolu 48b

Protezzjoni tal-klieb il-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC ma għandhomx jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art klieb il-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC.
2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

Artikolu 48c

Protezzjoni ta' ħut anadromu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC ma għandhomx jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art is-salamun keta (*Oncorhynchus keta*), is-salamun fiddien (*Oncorhynchus kisutch*), is-salamun roża (*Oncorhynchus gorbuscha*), is-salamun aħmar (*Oncorhynchus nerka*), is-salamun iswed (*Oncorhynchus tshawytscha*), is-salamun Ġappuniż (*Oncorhynchus masou*) u t-trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*).
2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.”

* Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).”;

(7) fl-Artikolu 55(1), jitħassar il-punt (d);

(8) fl-Artikolu 59, it-tielet paragrafu huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt (a):“

“(aa) L-Artikolu 12a għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 jew sad-data li fiha jsir applikabbli att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 u li jemenda l-Anness VII, il-Parti A, ta' dak ir-Regolament fir-rigward tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-pollakkju fid-diviżjonijiet 8a, 8b, 8d u 8e tal-ICES, skont liema tiġi l-ewwel;”;

(b) il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt (g):

“(ga) It-Taqsima 11a għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025 jew sad-data li fiha jsir applikabbli Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku, skont liema tiġi l-ewwel;”;

(c) il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt (j):

“(ja) L-Annessi IM u Xa għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025;”;

- (9) L-Annessi IA, IB, ID, IK u VI huma emendati f'konformità mal-Anness I, parti I ta' dan ir-Regolament;
- (10) L-Annessi IM u XA jiddaħħlu f'konformità mal-Anness I, il-partijiet II u III, ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament (UE) 2023/194

Ir-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 18(1), il-punt (p) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(p) l-ispeċijiet tal-baħar fond elenkati fl-Anness IA, il-Parti D, fl-ilmijiet tal-Unjoni, dawk tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żoni tal-ICES: 1; 2, għajr l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; 5 sa 10; 12 u 14, u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 tas-CECAF. Barra minn hekk, fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a u tas-subżona 4 tal-ICES, fejn speċifikat f'dak l-Anness.”;

- (2) fl-Artikolu 55(1), il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(k) klieb il-baħar tal-fond elenkati fl-Anness IA, il-Parti D, fl-ilmijiet tal-Unjoni ta': is-subżoni 6 sa 10 tal-ICES; u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 tas-CECAF. Barra minn hekk, fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, fejn speċifikat f'dak l-Anness.”;

- (3) L-Anness IA huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2023. Madankollu, l-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

I. L-Annessi IA, IB, ID, IK u VI tar-Regolament (UE) 2024/257 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness IA, il-Parti A, it-Tabella 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Tabella 2			
Speċi:	Inċova <i>Engraulis encrasicolus</i>		Żona: 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni 34.1.1 tas-CECAF (ANE/9/3411)
Spanja	2 390 ⁽¹⁾		TAC analitika
Il-Portugall	2 607 ⁽¹⁾		
L-Unjoni	4 997 ⁽¹⁾		
TAC	4 997 ⁽¹⁾		
⁽¹⁾ Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Settembru 2024.			

”.

(2) fl-Anness IA, il-Parti A, it-Tabella 17 hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Tabella 17			
Speċi:	Pollakkju <i>Pollachius pollachius</i>		Żona: 8a, 8b, 8d u 8e (POL/8ABDE.)
Spanja	163 ⁽¹⁾		TAC analitika
Franza	796 ⁽¹⁾		
L-Unjoni	959 ⁽¹⁾		
TAC	959 ⁽¹⁾		
⁽¹⁾	Li minnha sa 500 tunnellata jistgħu jinqabdu f'sajd dirett. L-459 tunnellata li jifdal jistgħu jinqabdu esklużivament bħala qabdiet aċċessorji, li għandhom jiġu rrapportati separatament (POL/* 8ABDE-BC) u mhux permess l-ebda sajd dirett. Għall-500 tunnellata metrika, għandu japplika dan li ġej:		
	Spanja	85	
	Franza	415	
	L-Unjoni	500	

”.

(3) fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 77 hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Tabella 77			
Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>		Żona: 3a (PRA/03A.)
Id-Danimarka	1 107 ⁽¹⁾		TAC analitika
L-Iżvezja	596 ⁽¹⁾		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
L-Unjoni	1 703 ⁽¹⁾		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
TAC	3 190 ⁽¹⁾		
⁽¹⁾	Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025.		

”.

(4) fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 103 hija sostitwita b'dan li ġejj:

“

Speċi:		Kavall		Żona:	
		<i>Scomber scombrus</i>		3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni ta' 2a, 3b, 3c, 3d u 4; l-ilmijiet Norveġiżi ta' 2a u 4a (MAC/2A34-N.)	
Il-Belġju	476	(1)(2)	TAC analitika		
Id-Danimarka	27 882	(1)(2)(4)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament		
Il-Ġermanja	496	(1)(2)			
Franza	1 498	(1)(2)			
In-Netherlands	1 508	(1)(2)			
L-Iżvezja	4 569	(1)(2)(3)			
L-Unjoni	36 429	(1)(2)			
TAC	739 386				

(1) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' dawk il-kwoti, ma jistgħux jinqabdu kwantitajiet akbar minn dawk mogħtija hawn taħt fiż-żoni li ġejjin:

	3a (MAC/*03A.)	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni ta' 3a, 4b u 4c (MAC/*3A4BC)	4b (MAC/*04B.)	4c (MAC/*04C.)	l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali ta' 2a, 5b, 6, 7, 8d, 8e, 12 u 14 (MAC/*2AX14)
Il-Belġju	0	0	0	0	286
Id-Danimarka	0	4 130	0	0	9 774
Il-Ġermanja	0	0	0	0	298
Franza	0	490	0	0	899
In-Netherlands	0	490	0	0	905
L-Iżvezja	0	0	390	10	2 741
L-Unjoni	0	5 110	390	10	14 903

- (2) Fil-limiti ta' dawk il-kwoti, u bi qbil mal-Istat kostali rilevanti, ma jistgħux jinqabdu kwantitajiet akbar minn dawk mogħtija hawn taħt fiż-żewġ żoni li ġejjin:

	I-ilmijiet Norveġiżi ta' 2a u 4a (MAC/*02A4AN-)	I-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (MAC/*FRO1)
Il-Belġju	0	Għadha trid tiġi stabbilita
Id-Danimarka	0	Għadha trid tiġi stabbilita
Il-Ġermanja	0	Għadha trid tiġi stabbilita
Franza	0	Għadha trid tiġi stabbilita
In-Netherlands	0	Għadha trid tiġi stabbilita
L-Iżvezja	0	Għadha trid tiġi stabbilita
L-Unjoni	0	Għadha trid tiġi stabbilita

- (3) Kundizzjoni speċjali: inkluż dan it-tunnellaġġ li jrid jinqabad fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a (MAC/*2A4AN):

322

Meta jkun qed isir sajd taħt din il-kundizzjoni speċjali: il-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju iswed għandhom jinqatgħu mill-kwoti għal dawk l-ispeċijiet.

- (4) Fil-limiti ta' din il-kwota, id-Danimarka tagħmel it-trasferimenti li ġejjin biex jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni taż-żoni 6, 7, 8d; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 8a, 8b u 8e; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14; u l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żoni 2a u 5b (MAC/*2A14):

Il-Ġermanja	531
Spanja	1
L-Estonja	4
Franza	354
L-Irlanda	1 769
Il-Latvja	3
Il-Litwanja	3
In-Netherlands	774
Il-Polonja	37

”;

(5) fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 108 tinbidel b'dan li ġej:

“

Tabella 108	
Speċi: Lingwata komuni <i>Solea solea</i>	Żona: 7a (SOL/07A.)
Il-Belġju	280
Franza	4
L-Irlanda	95
In-Netherlands	89
L-Unjoni	468
Ir-Renju Unit	145
TAC	625

”
,

(6) fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 113 hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Tabella 113			
Speċi:	Laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati <i>Sprattus sprattus</i>		Żona: 3a (SPR/03A.)
Id-Danimarka	9 236	⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾	TAC analitika
Il-Ġermanja	19	⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾	
L-Iżvezja	3 495	⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾	
L-Unjoni	12 750	⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾	
TAC	13 784	⁽²⁾	
⁽¹⁾	Sa 5 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda (OTH/*3A.). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda li jinġatghu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinġatghu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.		
⁽²⁾	Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025.		
⁽³⁾	Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4. Madankollu, il-Kummissjoni u r-Renju Unit għandhom ikun mgħarrfa minn qabel bit-tali trasferimenti.		

”.

(7) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 114 hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Tabella 114	
Speċi: Laċċa kaħla u l-qabdiel aċċessorji assoċjati <i>Sprattus sprattus</i>	Żona: L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni ta' 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a (SPR/2AC4-C)
Il-Belġju	696 ⁽¹⁾⁽²⁾
Id-Danimarka	55 072 ⁽¹⁾⁽²⁾
Il-Ġermanja	696 ⁽¹⁾⁽²⁾
Franza	696 ⁽¹⁾⁽²⁾
In-Netherlands	696 ⁽¹⁾⁽²⁾
L-Iżvezja	1 330 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾
L-Unjoni	59 186 ⁽¹⁾⁽²⁾
In-Norveġja	0 ⁽¹⁾
Il-Gżejjer Faeroe	0 ⁽¹⁾⁽⁴⁾
Ir-Renju Unit	2 351 ⁽¹⁾
TAC	61 537 ⁽¹⁾

TAC analitika

⁽¹⁾ Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025.

⁽²⁾ Sa 2 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiel aċċessorji tal-merlangu (OTH/*2AC4C). Flimkien, il-qabdiel aċċessorji tal-merlangu li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiel aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbu d-9 % tal-kwota.

⁽³⁾ Inkluż iċ-ċiċċirell.

⁽⁴⁾ Din jista' jkun fiha sa 4 % ta' qabdiel aċċessorji tal-aringa.

”.

(8) fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 115 hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Tabella 115	
Speċi: Laċċa kaħla <i>Sprattus sprattus</i>	Żona: 7d u 7e (SPR/7DE.)
Il-Belġju	9 ⁽¹⁾ TAC analitika
Id-Danimarka	620 ⁽¹⁾
Il-Ġermanja	9 ⁽¹⁾
Franza	134 ⁽¹⁾
In-Netherlands	134 ⁽¹⁾
L-Unjoni	906 ⁽¹⁾
Ir-Renju Unit	4344 ⁽¹⁾
TAC	5250 ⁽¹⁾
⁽¹⁾ Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025.	

”.

(9) fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 123 hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Tabella 123	
Speċi: Ħut industrijali	Żona: L-ilmijiet Norveġiżi ta' 4 (I/F/04-N.)
L-Iżvezja	800 ⁽¹⁾⁽²⁾ TAC prekawzjonarja
L-Unjoni	800
TAC	Mhux rilevanti
⁽¹⁾ Il-qabdiet aċċessorji tal-bakkaġjaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju iswed għandhom jinqatgħu mill-kwoti għal daww l-ispeċijiet.	
⁽²⁾ Kundizzjoni speċjali: li minnha ma tistax tinqabad kwantità akbar minn dik li ġejja ta' sawrell (JAX/*04-N.):	
400	

”.

(10) fl-Anness IB, Tabella 13 hija ssostitwita f'dan li ġej:

Tabella 13			
Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	Żona:	L-ilmijiet ta' Greenland ta' 5 u 14 (PRA/514GRN)
Id-Danimarka	1 725	TAC analitika	
Franza	1 725	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
L-Unjoni	3 450	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
In-Norveġja	1 700		
Il-Gżejjer Faeroe	0		
TAC	Mhux rilevanti		

”
”

(11) fl-Anness IB, it-Tabella 23 hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Tabella 23			
Speċi:	Redfish <i>Sebastes spp.</i>	Żona:	L-ilmijiet internazzjonali ta' 1 u 2 (RED/1/2INT)
L-Unjoni	6 000 ⁽¹⁾	TAC analitika	
		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
TAC	Mhux rilevanti	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	

⁽¹⁾ Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru. Il-bastimenti tas-sajd għandhom jillimitaw il-qabdiet aċċessorji tagħhom tar-redfish f'attivitajiet tas-sajd oħrajn għal massimu ta' 1 % tal-qabda totali miżmuma abbord.

”
”

(12) fl-Anness ID, it-Tabella 12 hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Tabella 12			
Speċi:	Tonn		Żona:
	<i>Thunnus thynnus</i>		L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran (BFT/AE45WM)
Ċipru	188,48	(4)	TAC analitika
Il-Greċja	357,49		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Spanja	6 904,70	(2)(4)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Franza	6 807,40	(2)(3)(4)	
Il-Kroazja	1 101,24	(6)	
L-Italja	5 440,04	(4)(5)	
Malta	438,06	(4)	
Il-Portugall	643,03		
Stati Membri oħrajn	79,60	(1)	
L-Unjoni	21 960,05	(2)(3)(4)(5)	
TAC	40 570,00	(1)	

(1) Minbarra Ċipru, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Malta u l-Portugall, u bħala qabdiet aċċessorji biss. Il-qabdiet li għandhom jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (BFT/AE45WM_AMS).

(2) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid li ġejjin u l-allokkazzjoni li ġejja fost l-Istati Membri għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm li jsiru mill-bastimenti msemmijin fil-punt 1 tal-Anness VI (BFT/*8301):

Spanja	1 049,60
Franza	487,60
L-Unjoni	1 537,20

- (3) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid li ġejjin u l-allokkazzjoni li ġejja fost l-Istati Membri għall-qabdiet tat-tonn li jkun jiżen tal-inqas 6.4 kg jew li jkun twil tal-inqas 70 cm li jsiru mill-bastimenti msemmijin fil-punt 1 tal-Anness VI (BFT/*641):

Franza	100,00
L-Unjoni	100,00

- (4) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid li ġejjin u l-allokkazzjoni li ġejja fost l-Istati Membri għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm li jsiru mill-bastimenti msemmijin fil-punt 2 tal-Anness VI (BFT/*8302):

Spanja	138,09
Franza	136,15
L-Italja	108,80
Ċipru	3,77
Malta	8,76
L-Unjoni	395,57

- (5) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid li ġejjin u l-allokkazzjoni li ġejja fost l-Istati Membri għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm li jsiru mill-bastimenti msemmijin fil-punt 3 tal-Anness VI (BFT/*643):

L-Italja	108,80
L-Unjoni	108,80

- (6) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom japplikaw dawn il-limiti tal-qbid u dawn l-allokkazzjonijiet bejn l-Istati Membri għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm mill-bastimenti msemmija fil-punt 3 tal-Anness VI għall-finijiet ta' trobbija tal-ħut (BFT/*8303F):

Il-Kroazja	991,12
L-Unjoni	991,12

”.

(13) fl-Anness IK, it-Tabella 1, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna hija sostitwita b'dan li ġej:

“

- (1) Żona kkonfinata:
- fin-Nofsinhar, mil-latitudni 36°00'S,
 - fil-Lvant, mil-lonġitudni 49°00'E,
 - fil-Punent, mil-lonġitudni 40°00'E,
 - fit-Tramuntana, miż-żoni ekonomiċi esklużivi tal-madwar.

”.

(14) fl-Anness IK, it-Tabella 2, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna hija sostitwita b'dan li ġej:

“

- (1) Żona kkonfinata:
- fit-Tramuntana, mil-latitudni 44°00'S mill-Punent 44°09'E u mil-latitudni 43°30'S mil-Lvant 44°09'E,
 - fin-Nofsinhar, mil-latitudni 45°00'S,
 - fil-Punent u l-Lvant, miż-żoni ekonomiċi esklużivi kontigwi.

”.

(15) fl-Anness IK, it-Tabella 3, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna hija sostitwita b'dan li ġej:

“

- (1) Żona kkonfinata mill-koordinati li ġejjin:

Punt	Latitudni	Lonġitudni
1	52°50'00"S	80°00'00"E
2	55°50'00"S	80°00'00"E
3	55°50'00"S	85°00'00"E
4	52°50'00"S	85°00'00"E

”.

(16) fl-Anness VI, il-punt 4, huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn, iżommuh abbord, jittrażbordawh, jittrasportawh jew iħottuh l-art fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

Tabella A

	Għadd ta' bastimenti tas-sajd ⁽¹⁾							
	Il-Greċja ⁽²⁾	Spanja	Franza	Il-Kroazja	L-Italja	Ċipru ⁽³⁾	Malta ⁽⁴⁾	Il-Portugall
Bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża ⁽⁵⁾	0	7	22	18	21	1	2	0
Bastimenti tas-sajd bil-konz	0	38	23	0	40	17	63	0
Dgħajjes tas-sajd bil-lixka	0	66	8	0	0	0	0	0
Xlief	0	1	47	24	0	0	0	0
Bastimenti tat-tkarkir	0	0	56	0	0	0	0	0
Bastimenti kostali fuq skala żgħira	64	696	89	20	0	0	0	0
Dgħajjes oħra tas-sajd artiġjanali ⁽⁶⁾	41	0	60	0	142	0	240	76

(1) In-numri f'din it-tabella jistgħu jizjed aktar, dment li jkun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

(2) Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju għe sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz, jew minn bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża żgħir u tliet bastimenti oħra tas-sajd artiġjanali.

(3) Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz, jew minn bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża żgħir u mhux aktar minn tliet bastimenti tas-sajd bil-konz.

(4) Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz.

(5) L-għadd individwali ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża f'din it-tabella huwa r-riżultat ta' trasferimenti bejn l-Istati Membri u ma jikkostitwixx drittijiet storiċi għall-futur.

(6) Bastimenti polivalenti, li jużaw tagħmir b'iżjed minn irkaptu wieħed (konz, xlief, xlief bir-rixa).

(17) fl-Anness VI, il-punt 6, huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“6. Il-kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-input massimu tat-tonn maqbud fis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-farms tiegħu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Tabella A

Kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn		
	Għadd ta' farms	Kapaċità (f'tunnellati)
Il-Greċja	0	0
Spanja	6	14 752,70
Il-Kroazja	4	7 092,00
L-Italja	2	1 160,00
Ċipru	0	0
Malta	5	17 213,00
Il-Portugall	2	740,00

Tabella B

Ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati)	
Il-Greċja	0
Spanja	8 744,10
Il-Kroazja	2 945,60
L-Italja	610,00
Ċipru	0
Malta	12 295,00
Il-Portugall	517,00

”.

II L-Anness li ġej jiddaħħal wara l-Anness II:

“ANNEX IM

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-NPFC

Tabella 1

Speċi:	Kavall għajnejh kbar (<i>Scomber japonicus</i>)	Żona:	żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC				
L-Unjoni	6 000	(2)(3)(4)	TAC prekawzjonarja				
Il-Partijiet Kontraenti tal-NPFC, inkluża l-Unjoni	94 000	(1)(2)(3)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika				
TAC	Mhux rilevanti						
(1)	Kundizzjoni speċjali: Skont dan il-limitu ma jistgħux jinqabdu kwantitajiet akbar minn dawk mogħtija hawn taħt mill-bastimenti li ġejjin:						
	<table border="1"> <thead> <tr> <th>Bastiment tat-tkarkir* (MAS/NPFC-TR)</th> <th>Bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża* (MAS/NPFC-PS)</th> </tr> </thead> <tbody> <tr> <td>14 000</td> <td>80 000</td> </tr> </tbody> </table>	Bastiment tat-tkarkir* (MAS/NPFC-TR)	Bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża* (MAS/NPFC-PS)	14 000	80 000		
Bastiment tat-tkarkir* (MAS/NPFC-TR)	Bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża* (MAS/NPFC-PS)						
14 000	80 000						
	* Is-sajd taħt dawk il-limitu tal-qbid ser jingħalaq mill-Partijiet Kontraenti tal-NPFC, inkluż għall-Unjoni mill-Kummissjoni, fi żmien jumejn mid-data tal-ħruġ tal-avviż tas-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC li l-użu ta' dawk il-limitu tal-qbid ikun laħaq il-95 %.						
(2)	Bastiment tat-tkarkir wieħed biss li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru għandu jkun awtorizzat jistad għall-kavall għajnejh kbar fi kwalunkwe ħin. Dak japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe allokkazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd futuri mill-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC, b'mod partikolari lill-Istat Membru awtorizzat li jistad fil-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025.						
(3)	Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 10 000 ma għandhomx ikunu awtorizzati jistadu għall-kavall għajnejh kbar.						
(4)	Il-qabdiet minn din il-kwota għandhom jiġu rrapportati separatament (MAS/NPFC-EU).						

”

III. L-Anness li ġej jiddaħħal wara l-Anness X:

“ANNESS Xa

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-NPFC

L-ġhadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jwettqu sajd tal-qiegħ fiż-
żona tal-Konvenzjoni tal-NPFC:

L-Unjoni	0
----------	---

”.

ANNEX II

I-Anness IA għar-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat kif ġej:

II-Parti D, tinbidel b'dan li ġej:

“PARTI D Speċijiet tal-baħar fond

(1) Klieb il-baħar tal-fond

Isem xjentifiku	Kodiċi Alfa-3	Isem komuni
<i>Apristurus</i> spp.	API	Gattarelli tal-fond
<i>Centrophorus</i> spp ¹ .	CWO	Żagħrun
<i>Centroscyllium fabricii</i>	CFB	Mazzola sewda
<i>Centroscymnus coelolepis</i> ²	CYO	Mazzola Portugiża
<i>Centroscymnus crepidater</i>	CYP	Mazzola bellusija mneħirha twil
<i>Chlamydoselachus anguineus</i>	HXC	Kelb il-baħar tal-frilli
<i>Dalatias licha</i> ³	SCK	Murruna sewda
<i>Deania calcea</i> ⁴	DCA	Mazzola munqar l-għasfur
<i>Etmopterus princeps</i>	ETR	Mazzola tal-fanal maġġuri
<i>Etmopterus spinax</i>	ETX	Mazzola tal-fanal
<i>Galeus melastomus</i>	SHO	Gattarell ħalqu iswed
<i>Galeus murinus</i>	GAM	Gattarell ġurdien
<i>Hexanchus griseus</i>	SBL	Murruna ta' sitt garġi
<i>Oxynotus paradoxus</i>	OXN	Pixxiporku tal-Atlantiku (Sharpback shark)
<i>Scymnodon ringens</i>	SYR	Mazzola snienha tas-skieken
<i>Somniosus microcephalus</i>	GSK	Kelb il-baħar ta' Greenland

¹ Għandu japplika wkoll għall-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a u tas-subżona 4 tal-ICES.

² Għandu japplika wkoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a u tas-subżona 4 tal-ICES.

³ Għandu japplika wkoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a u tas-subżona 4 tal-ICES.

⁴ Għandu japplika wkoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a u tas-subżona 4 tal-ICES.

(2) Raja tal-baħar fond (*Rajiformes*)

Isem xjentifiku	Kodiċi Alfa-3	Isem komuni
<i>Raja fyllae</i>	RJY	Rebekkin tond
<i>Raja hyperborea</i>	RJG	Rebekkin tal-Artiku
<i>Raja nidarosiensis</i>	JAD	Raja tan-Norveġja

(3) *Chimaeras* tal-fond

Isem xjentifiku	Kodiċi Alfa-3	Isem komuni
<i>Chimaera monstrosa</i>	CMO	Fenek tal-baħar
<i>Chimaera opalescens</i>	WCH	Kimera opal
<i>Harriotta haeckeli</i>	HCH	Smallspine spookfish
<i>Harriotta raleighana</i>	HCR	Kimera mneħirha dejjaq
<i>Hydrolagus affinis</i>	CYA	Fenek tal-baħar b'għajnejh zġhar
<i>Hydrolagus lusitanicus</i>	KXA	Fenek tal-baħar Portugiż
<i>Hydrolagus mirabilis</i>	CYH	Fenek tal-baħar b'għajnejh kbar (ratfish)
<i>Hydrolagus pallidus</i>	CYZ	Kimera pallida
<i>Rhinochimaera atlantica</i>	RCT	Fenek tal-baħar Atlantiku

”